IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

# RAPPORT ANNWALI 2016



## PANORAMA TAS-SENA

# RAPPORT ANNWALI **2016**

# PANORAMA TAS-SENA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
L-2925 LUXEMBOURG
LUXEMBOURG
TEL. +352 4303-1

IL-QORTI ĠENERALI
L-2925 LUXEMBOURG
LUXEMBOURG
TEL. +352 4303-1

Il-Qorti tal-Ġustizzja fl-internet: http://www.curia.europa.eu

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li jiġi indikat is-sors. Ir-ritratti jistgħu jiġu rriprodotti biss fil-kuntest ta' din il-pubblikazzjoni. Għal kull użu ieħor, trid tintalab awtorizzazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Ħafna iktar informazzjoni fuq l-Unjoni Ewropea tinsab disponibbli fl-internet permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu:
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
Direttorat tal-Komunikazzjoni – Diviżjoni tal-pubblikazzjonijiet u tal-mezzi elettroniċi
Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-829-2292-7 | ISSN 2467-1460 | doi:10.2862/73659 | QD-AQ-17-001-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-829-2256-9 | ISSN 2467-169X | doi:10.2862/43529 | QD-AQ-17-001-MT-N |
| E-Book | ISBN 978-92-829-2394-8 | ISSN 2467-169X | doi:10.2862/780831 | QD-AQ-17-001-MT-E |

© Unjoni Ewropea, 2017
Ritratti © Georges Fessy
Ritratti © Gediminas Karbauskis

*Printed in Belgium*

Stampat fuq karta bajda ħielsa mill-klorur elementari (ECF)

# WERREJ

Prefazju tal-president .......... 5

1. Is-sena 2016 mad-daqqa t'għajn .......... 6
   - a // Sena f'ritratti .......... 7
   - b // Sena f'ċifri .......... 14

2. L-attività ġudizzjarja .......... 16
   - a // Ħarsa lura lejn is-sentenzi prinċipali tas-sena .......... 17
   - b // Iċ-ċifri bażiċi tal-attività ġudizzjarja .......... 26

3. Sena ta' ftuħ u ta' kuntatti .......... 32
   - a // L-avvenimenti importanti .......... 33
   - b // Iċ-ċifri bażiċi .......... 35

4. Amministrazzjoni li taqdi l-ġustizzja .......... 38
   - a // Amministrazzjoni funzjonali, moderna u multilingwi .......... 39
   - b // Ċifri u proġetti .......... 40

5. Ħarsa lejn il-futur il-kwalità tal-ġustizzja: sfida permanenti .......... 46

6. Segwi l-attwalità tal-istituzzjoni .......... 48



# PREFAZJU
## TAL-PRESIDENT



Fl-2016, l-istituzzjoni tagħna daħlet f'fażi ġdida tal-eżistenza tagħha. Twettqu tnejn mit-tliet fażijiet tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni adottata fl-2015: numru kbir ta' Mħallfin ingħaqdu mal-Qorti Ġenerali, li, min-naħa tagħha, ħadet lura l-kompetenzi tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li issa kien ġie xolt.

Qatt qabel fl-eżistenza ta' din l-istituzzjoni mal-Imħallfiin tal-Istati Membri ma kienu ssottomettew daqstant domandi preliminari sabiex jagħti l-aħjar interpretazzjoni u applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Dan juri mhux biss ir-rieda tal-qrati nazzjonali li japplikaw sew id-dritt tal-Unjoni permezz tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni previsti fit-Trattati, imma wkoll il-fiduċja li huma għandhom fill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Fl-istess ħin, it-tul tal-kawżi qed ikompli jitnaqqas, ħaġa li hija ta' benefiċċju taċ-ċittadin u tal-impriżi, li għandhom bżonn ta' ċertezza legali. Is-sena li għaddiet rat attività ġudizzjarja intensa (iktar minn 1 600 kawża maqtugħa). Numru kbir ta' kawżi qatgħu kwistjonijiet marbuta mal-ikbar sfidi li l-Unjoni bħalissa trid taffaċċja (it-terroriżmu, il-kriżi migratorja, il-kriżi bankarja u finanzjarja...), imma wkoll problemi li jirrigwardaw il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini kollha.

Flimkien ma' dawn iċ-ċifri, nixtieq infakkar fl-aħħar nett avveniment organizzat fi ħdan l-istituzzjoni tagħna fil-11 ta' Novembru, fil-ġurnata tal-kommemorazzjoni tal-armistizzju li ġab fit-tmiem l-ewwel gwerra dinjija. Il-presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Qorti tal-Ġustizzja ltaqgħu ma' xi 250 student sabiex jiddiskutu u jiddjalogaw informalment fuq ir-rwol tagħhom u fuq temi ta' attwalità Ewropea. Avvenimenti bħal dawn huma partikolarment meħtieġa għax jagħtu ħafna frott f'dawn iż-żminijiet delikati għall-binja Ewropea, meta huwa dmir morali tagħna li nżommu spirtu riżolutament ottimist u mimli fiduċja fil-futur.



Koen **LENAERTS**
President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

# 1

## IS-SENA 2016

# MAD-DAQQA T'GĦAJN





# A // SENA F'RITRATTI

## "Il-Qorti tal-Ġustizzja hija waħda mis-seba' istituzzjonijiet Ewropej.

Bħala l-awtorità ġudizzjarja tal-Unjoni, hija għandha bħala missjoni li tiggarantixxi l-osservanza tad-dritt Ewropew billi tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tat-Trattati. L-istituzzjoni taħdem sabiex jinżammu l-valuri tal-Unjoni u tagħti s-sehem tagħha fil-proġett Ewropew bis-sentenzi tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija attwalment komposta minn żewġt iqrati: il-"Qorti tal-Ġustizzja" u l-"Qorti Ġenerali".

**18 ta' Jannar**
Ftuħ tal-espożizzjoni ”Ilu 70 sena: il-proċess ta' Nuremberg. L-interpretazzjoni simultanja, mill-pijunieri sal-lum...”

**7 ta' Marzu**
Żjara fil-Qorti tal-Ġustizzja ta' delegazzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

**16 ta' Marzu**
Sentenza Dextro Energy

**13 ta' April**
Dħul fil-kariga ta' seba' Mħallfin ġodda fil-Qorti Ġenerali fil-kuntest tar-riforma

**6 ta' Ġunju**
Tressiq fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-kawża Uber

**8 ta' Ġunju**
Dħul fl-kariga ta' tliet Imħallfin ġodda tal-Qorti Ġenerali

**26 u 29 ta' Ġunju**
Tressiq fil-Qorti Ġenerali tal-kawżi Ville de Paris u Ville de Bruxelles vs Il-Kummissjoni

**27 ta' Ġunju**
Tqegħid tal-ewwel ġebla fil-kostruzzjoni tat-tielet torri

**6 ta' Lulju**
Tiġdid parzjali tal-Qorti tal-Awdituri

**31 ta' Awwissu**
Integrazzjoni tat-TSP mal-Qorti Ġenerali u trasferiment tal-kompetenzi

**19 ta' Settembru**
Dħul fil-kariga ta' Avukat Ġenerali ġdid fil-Qorti tal-Ġustizzja, tiġdid parzjali tal-Qorti Ġenerali u dħul fil-kariga ta' sitt Imħallfin ġodda fil-Qorti Ġenerali fil-kuntest tar-riforma

**20 u 21 ta' Settembru**
Elezzjonijiet tal-President, tal-Viċi President u tal-Presidenti ta' Awla tal-Qorti Ġenerali

**30 ta' Settembru**
Żjara fil-Qorti Ġenerali tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

**6 ta' Ottubru**
Tiġdid tal-mandat tar-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali

**9 ta' Novembru**
Tressiq fil-Qorti Ġenerali tal-kawżi Apple

**11 ta' Novembru**
“Bennejja ta-Ewropa”, djalogu maż-żgħażagħ

**30 ta' Novembru**
Tiġdid parzjali tal-Qorti tal-Awdituri

**14 ta' Diċembru**
Ġurament solenni ta' membru tal-Kummissjoni Ewropea, Julian King

**15 ta' Diċembru**
Sentenza Depesme

**21 ta' Diċembru**
Sentenza Tele2 Sverige

## 18 Jannar – 30 April

### Espożizzjoni "Ilu 70 sena: il-proċess ta' Nuremberg. L-interpretazzjoni simultanja, mill-pijunieri sal-lum"

L-espożizzjoni milqugħa għal tliet xhur fil-Qorti tal-Ġustizzja tagħti tislima lill-interpreti ta' Nuremberg, pijunieri tal-interpretazzjoni simultanja. Hija tiddeskrivi l-ħajjiet ta' ħamsa u għoxrin interpretu fil-kuntest storiku u tekniku tal-proċess u tippreżenta – permezz ta' sensiela ta' dokumenti u oġġetti, li ppreċedew it-tagħmir tal-lum – l-evoluzzjoni ta' professjoni li wara żviluppat fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u fi qrati internazzjonali oħra.





## 7 ta' Marzu

### Żjara fil-Qorti tal-Ġustizzja ta' delegazzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

Il-laqgħa tidħol fil-kuntest tal-kooperazzjoni li ilha sejra ħafna bejn iż-żewġt iqrati Ewropej. Fil-fatt, il-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jiltqagħu regolarment, fil-Lussemburgu jew fi Strasbourg, sabiex jiskambjaw il-perspettivi tagħhom dwar l-evoluzzjoni tal-ġurisprudenza fil-qasam tad-drittijiet fundamentali.



## 16 ta' Marzu

### Sentenza Dextro Energy : Stqarrijiet dwar l-effetti tal-prodotti tal-ikel fuq is-saħħa u kubi ta' destrożju

Sa mill-2006, regolament Ewropew jistabbilixxi regoli armonizzati fl-Unjoni kollha dwar l-użu ta' stqarrijiet dwar l-effetti tal-prodotti tal-ikel fuq is-saħħa. Skont il-Qorti Ġenerali, diversi stqarrijiet dwar l-effetti tal-prodotti tal-ikel fuq is-saħħa magħmula mit-trade mark "Dextro Energy" fit-tikkettjar u fir-reklamar, fir-rigward tal-glukożju li jinsab f'dawn il-prodotti, ma jistgħux jiġu awtorizzati (T-100/15). Ara l-paġna 23.



## 13 ta' April

### Dħul fil-kariga ta' seba' Mħallfin ġodda fil-Qorti Ġenerali u tiġdid parzjali tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

**L-ewwel fażi** tal-implementazzjoni tar-**riforma** tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Din ir-riforma tipprevedi ż-żieda fin-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali, u li jiġu ttrasferiti lilha l-attivitajiet kollha tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Jinħatru ħames Imħallfin ġodda fil-Qorti Ġenerali sal-31 ta' Awwissu 2016: Constantinos Iliopoulos (il-Greċja), Dean Spielmann (il-Lussemburgu), Zoltán Csehi (l-Ungerija), Nina Półtorak (il-Polonja) u Anna Marcoulli (Ċipru). Żewġ Imħallfin oħra, Leopoldo Calvo-Sotelo Ibáñez-Martín (Spanja) u Virgilijus Valančius (il-Litwanja) jinħatru Mħallfin fil-Qorti Ġenerali għall-perijodu li jmur mit-13 ta' April 2016 sal-31 ta' Awwissu 2019. In-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali jitla' b'hekk minn 28 għal 35.

Barra minn hekk, João Sant'Anna (il-Portugall) u Alexander Kornezov (il-Bulgarija) jinħatru Mħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sat-trasferiment tal-kompetenza ta' dan it-tribunal lill-Qorti Ġenerali, fl-1 ta' Settembru 2016.

## 6 ta' Ġunju

### Tressiq fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-kawża Uber

Stat Membru bħal Franza jista' jipprojbixxi kriminalment l-attività ta' Uber mingħajr ma jkun innotifika minn qabel l-abbozz ta' liġi lill-Kummissjoni (C-320/16) ?



## 8 ta' Ġunju

### Dħul fl-kariga ta' tliet Imħallfin ġodda tal-Qorti Ġenerali

Tkomplija tat-twettiq tar-riforma: teħid tal-ġurament minn Peter George Xuereb (Malta), Fredrik Schalin (l-Isvezja) u Inga Reine (il-Latvja). In-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali jitla' b'hekk għal 38.

26 u 29 ta' Ġunju

## Tressiq fil-Qorti Ġenerali tal-kawżi Ville de Paris u Ville de Bruxelles vs Il-Kummissjoni

Il-Belt ta' Pariġi titlob l-annullament tar-regolament li bih il-Kummissjoni tnaqqas il-livell tal-emissjonijiet ta' ossidu ta' ażotu tal-karozzi diesel (T-339/16). Il-Belt ta' Brussell tagħmel l-istess tlett ijiem iktar tard (T-352/16).

27 ta' Ġunju

## Tqegħid tal-ewwel ġebla fil-kostruzzjoni tat-tielet torri

Bidu tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tat-tielet torri. Dan il-proġett importanti ta' kostruzzjoni ser jippermetti, fiż-żmien, li jinġabar il-persunal kollu tal-istituzzjoni fl-istess sit. Parċmina li tixhed dan it-tqegħid li jipprevedi l-ħames estensjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tindifen fil-preżenza tal-Ministru Lussemburgiż tal-iżvilupp permanenti u tal-Infrastrutturi, François Bausch, tal-Ministru Lussemburgiż tal-Ġustizzja, Félix Braz, u tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, Koen Lenaerts.

6 ta' Lulju u 30 ta' Novembru

## Membri ġodda fil-Qorti tal-Awdituri

Fis-6 ta' Lulju, **ħames** membri ġodda tal-Qorti tal-Awdituri Ewropea jieħdu l-ġurament: Janusz Wojciechowski (il-Polonja), Samo Jereb (is-Slovenja), Jan Gregor (ir-Repubblika Ċeka), Mihails Kozlovs (il-Latvja) u Rimantas Šadžius (il-Litwanja). Fit-30 ta' Novembru, **żewġ** membri oħra wkoll jieħdu l-ġurament: Leo Brincat (Malta) u João Figueiredo (il-Portugall). It-teħid tal-ġurament tal-membri l-ġodda jseħħ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.





31 ta' Awwissu

## Integrazzjoni tat-TSP mal-Qorti Ġenerali u trasferiment tal-kompetenzi

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (TSP), maħluq fl-2004, iwaqqaf l-attività tiegħu, fil-kuntest tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea. Il-kawżi pendenti f'din id-data jiġu ttrasferiti lill-Qorti Ġenerali li ssir, mill-1 ta' Settembru, il-qorti kompetenti li taqta' l-kawżi tas-servizz pubbliku.

19 ta' Settembru

## Dħul fil-kariga ta' Avukat Ġenerali ġdid fil-Qorti tal-Ġustizzja, tiġdid parzjali tal-Qorti Ġenerali u dħul fil-kariga ta' sitt Imħallfin ġodda fil-Qorti Ġenerali fil-kuntest tar-riforma

Il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-ħdax-il Avukat Ġenerali tagħha, Evgeni Tanchev (il-Bulgarija), filwaqt li fl-istess ħin, il-kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali tkompli tevolvi, fil-kuntest tat-tiġdid parzjali u tat-tisħiħ tagħha. Jieħdu l-ġurament Ezio Perillo (l-Italja), René Barents (il-Pajjiżi l-Baxxi), Ricardo da Silva Passos (il-Portugall), Paul Nihoul (il-Belġju), Barna Berke (l-Ungerija), Jesper Svenningsen (id-Danimarka), Ulf Christophe Öberg (l-Isvezja), Octavia Spineanu-Matei (ir-Rumanija), Maria José Costeira (il-Portugall), Jan Passer (ir-Repubblika Ċeka), Krystyna Kowalik-Bańczyk (il-Polonja) u Alexander Kornezov (il-Bulgarija). In-numru ta' Mħallfin sedenti fil-Qorti Ġenerali jitla' għal 44.

20 u 21 ta' Settembru

## Elezzjonijiet tal-President, tal-Viċi President u tal-Presidenti ta' Awla tal-Qorti Ġenerali

Wara t-tiġdid parzjali tal-membri tal-Qorti Ġenerali, Marc Jaeger (il-Lussemburgu), President mill-2007, jiġi elett mill-kollegi tiegħu għar-raba' mandat għall-perijodu li jmur sal-31 ta' Awwissu 2019. Marc van der Woude (il-Pajjiżi l-Baxxi), Imħallef fil-Qorti Ġenerali mill- 2010, jiġi elett Viċi President għal mandat ta' tliet snin.

Jiġu eletti Presidenti ta' Awla għal tliet snin: Irena Pelikánová (ir-Repubblika Ċeka), Miro Prek (is-Slovenja), Sten Frimodt Nielsen (id-Danimarka), Heikki Kanninen (il-Finlandja), Dimitrios Gratsias (il-Greċja), Guido Berardis (l-Italja), Vesna Tomljenović (il-Kroazja), Anthony Michael Collins (l-Irlanda) u Stéphane Gervasoni (Franza).





30 ta' Settembru

## Żjara fil-Qorti Ġenerali tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD), Giovanni Buttarelli, huwa fid-dmir li jiżgura li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni josservaw ir-regoli stretti ta' protezzjoni tal-ħajja privata taċ-ċittadini matul it-trattament tad-data personali. Dan it-trattament ikopri l-ġbir, ir-reġistrazzjoni, il-ħażna, ir-riċerka, it-trażmissjoni, l-imblokk u t-tħassir tad-data bħal dik dwar l-oriġini etnika, l-opinjonijiet politiċi, ir-reliġjon, id-data dwar is-saħħa, l-orjentament sesswali, eċċ. Fit-twettiq tal-missjoni tagħhom, l-istituzzjonijiet huma marbuta li jittrattaw l-informazzjoni personali li taslilhom miċ-ċittadini taħt forma elettronika, miktuba jew viżiva.



### 11 ta' Novembru

## "Bennejja tal-Ewropa", djalogu maż-żgħażagħ

Studenti minn diversi Stati Membri jiltaqgħu ma' Martin Schulz, Jean-Claude Juncker u Koen Lenaerts, Presidenti rispettivament tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.



### 6 ta' Ottubru

## Tiġdid tal-mandat tar-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali

Emmanuel Coulon, Reġistratur tal-Qorti Ġenerali mill-2005, jara l-mandat tal-kariga tiegħu jiġġedded għall-perijodu li jmur sal-5 ta' Ottubru 2023.

### 14 ta' Diċembru

## Ġurament solenni ta' membru tal-Kummissjoni Ewropea, Julian King

Il-Kummissarju Ewropew Julian King jieħu, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-ġurament solenni previst mit-Trattati. Huwa jieħu l-portafoll tal-"Unjoni tas-Sigurtà".

### 15 ta' Diċembru

## Sentenza Depesme: ulied ta' familji riunifikati

Il-wild putattiv ta' ħaddiem fruntalier miżżewweġ jew li jikkoabita jista' jagħmel talba għal benefiċċji soċjali bil-kundizzjoni li l-ġenitur putattiv tiegħu jikkontribwixxi effettivament għall-manteniment tiegħu (C-401/15 sa C-403/15).

Ara l-paġna 17.

### 9 ta' Novembru

## Tressiq fil-Qorti Ġenerali tal-kawżi Apple

L-Irlanda titlob lill-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li biha titlobha tirkupra mingħand Apple vantaġġi fiskali għal ammont rekord ta' EUR 13-il biljun (T-778/16). Apple wkoll tressaq quddiem il-Qorti Ġenerali rikors simili fid-19 ta' Diċembru (T-892/16).

### 21 ta' Diċembru

## Sentenza Tele2 Sverige: konservazzjoni tad-data dwar il-ħajja privata

L-Istati Membri ma jistgħux jimponu fuq il-fornituri ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet elettroniċi obbligu ġenerali ta' konservazzjoni tal-metadata (C-203/15).

# B // SENA F'ĊIFRI

## L-istituzzjoni fl-2016

BAĠIT 2016

380

MILJUN EURO

75 IMĦALLEF | 11-il AVUKAT ĠENERALI

minn **28** Stat Membru

2 168

uffiċjal u membru tal-persunal

864 raġel 40 %

1 304 nisa 60 %

"

Fuq livell statistiku, is-sena 2016 rat attività ġudizzjarja intensa ħafna. Għalkemm in-numru globali ta' kawżi mressqa fl-2016 (1 604 kawżi) kien ftit inqas minn dak tal-2015, in-numru ta' kawżi magħluqa fl-2016 min-naħa l-oħra kien ogħla (1 628 kawża).

Dan il-volum ta' xogħol issarraf ukoll fl-attività tad-dipartimenti amministrattivi li jagħtu ta' kuljum is-sostenn tagħhom lill-qrati.

## Is-sena ġudizzjarja

(qrati kollha inklużi)

**1 604** kawżi mressqa

**1 628** kawża maqtugħa

**142 988** dokument proċedurali mniżżel fir-reġistri

**Tul medju tal-proċeduri:**

**16,7** -il xahar

Il-Qorti tal-Ġustizzja 14,7
Il-Qorti Ġenerali 18,7



**2 840** komunikazzjoni ġudizzjarja ppubblikata f'*Il-Gurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

**1 160 000** paġna tradotta

**602** seduti u laqgħat li kellhom interpretazzjoni simultanja

**74** Interpretu għas-seduti u għal-laqgħat

## Is-sena istituzzjonali

Iktar minn **1 900** membru tal-ġudikatura nazzjonali milqugħ fil-Qorti tal-Ġustizzja għal seminar jew taħriġ

**16 000** viżitatur

- professjonist
- ġurnalist
- student
- ċittadin

**73** avveniment protokollari

# 2

# L-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA



# A // ĦARSA LURA LEJN IS-SENTENZI PRINĊIPALI TAS-SENA



## IĊ-ĊITTADINANZA EWROPEA U L-ISPAZJU KOMUNI TA' ĠUSTIZZJA

**L-Unjoni Ewropea toffri liċ-ċittadini spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja mingħajr fruntieri interni. B'dan il-mod, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu, bħala prinċipju, jivvjaġġaw, jaħdmu u jgħixu f'kull Stat Membru. Fl-2016, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tikkjarifika l-kundizzjonijiet li bihom iċ-ċittadini li jużaw dawn il-libertajiet għandhom dritt għal benefiċċji statali bħal benefiċċji soċjali jew boroż ta' studju. Barra minn hekk, hija interpretat id-dritt tal-Unjoni fil-kuntest tal-ġlieda transkonfinali kontra l-kriminalità.**

Familja Spanjola kienet stabbilixxiet ruħha fil-Ġermanja f'żewġ fażijiet suċċessivi: l-ewwel l-omm u l-bint, wara l-missier u l-iben. Lil dawn it-tnejn tal-aħħar ġie rrifjutat il-benefiċċju ta' sussistenza Ġermaniż għall-ewwel tliet xhur tar-residenza tagħhom. Madankollu, mal-wasla tagħhom fil-Ġermanja, l-omm kienet diġà sabet xogħol u t-tfal iddaħħlu fi skola matul it-tliet xhur inkwistjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat madankollu li l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jagħtu ċerti **benefiċċji soċjali** liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra matul l-ewwel tliet xhur tar-residenza tagħhom u ppreċiżat li r-rifjut li tagħti benefiċċji ma jitlobx eżami individwali (sentenza García Nieto tal-25 ta' Frar 2016, C-299/14).

Fl-2013, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li wlied ta' ħaddiem fruntalier jistgħu jitolbu borża ta' studju fl-Istat Membru li fih il-ħaddiem jeżerċita l-attività tiegħu. Fl-2016, hija ppreċiżat li

l-kunċett ta' **"wild"** jinkludi wkoll it-tfal putattivi ta' ħaddiem fruntalier miżżewweġ jew li jikkoabita ma' wieħed mill-ġenituri tal-wild. Madankollu, dan tal-aħħar jista' jitlob borża ta' studju jew benefiċċju soċjali fl-Istat Membru biss jekk il-ġenitur putattiv jikkontribwixxi, effettivament, għall-manteniment tiegħu. (Sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, Depesme et, C-401/15 sa C-403/15)

**Fl-"ispazju ta' Schengen" (22 Stat Membru li jaħdem fil-qasam tal-vjaġġi internazzjonali bħala spazju uniku mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni), persuna ma tistax titressaq kriminalment jew tirċievi piena kriminali darbtejn għall-istess ksur. B'dan il-mod, persuna, li tkun ġiet ikkundannata u tkun skontat il-piena tagħha, jew li tkun ġiet illiberata definittivament fi Stat Schengen, tista' tiċċaqlaq ġewwa dan l-ispazju mingħajr biża' ta' prosekuzzjonijiet, għall-istess fatti, fi Stat Schengen ieħor.**

Fuq talba ta' qorti Ġermaniża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li dan il-prinċipju ma jiswiex għall-każ fejn l-ewwel prosekuzzjoni tkun ingħalqet mingħajr istruttorja fil-fond. F'dan il-każ, il-prosekuzzjoni Pollakka kienet għalqet l-istruttorja mibdija kontra wieħed miċ-ċittadini tagħha, għaliex huwa kien irrifjuta li jixhed u għaliex il-vittma kif ukoll xhud ieħor kienu jirrisjedu l-Ġermanja, u allura ma setgħux jinstemgħu. (Sentenza Kossowski tad-29 ta' Ġunju 2016, C-486/14)

Qorti Ġermaniża oħra wkoll staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-awtoritajiet Ġermaniżi għandhomx jeżegwixxu żewġ **mandati ta' arrest Ewropej** li kienu joriġinaw mir-Rumanija u mill-Ungerija (pajjiż li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet iddikjarat jikser id-drittijiet fundamentali minħabba s-sovrapopolazzjoni tal-ħabsijiet tiegħu). Fil-fatt, l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew għandu jiġi ddifferit jekk ikun hemm riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti minħabba kundizzjonijiet ta' detenzjoni tal-persuna fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-mandat. Għalkemm l-eżistenza ta' dan ir-riskju ma tistax tittwarrab fi żmien raġonevoli, l-awtorità inkarigata mill-eżekuzzjoni tal-mandat għandha twaqqaf il-proċedura ta' konsenja. (Sentenza Aranyosi u Căldăraru tal-5 ta' April 2016, Kawżi magħquda C-404/15 u C-659/15 PPU)

Fl-aħħar nett, mistoqsija mill-Qorti Suprema tal-Latvja dwar il-qasam tal-**estradizzjoni**, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru mhux marbut li jagħti lil kull ċittadin tal-Unjoni l-istess protezzjoni mill-estradizzjoni li tingħata liċ-ċittadini tagħha. L-Estonjan Aleksei Petruhhin kien ġie akkużat fir-Russja b'tentattiv ta' traffikar ta' droga. Wara tiftix minn Interpol, huwa ġie arrestat fil-Latvja, li kienet biħsiebha tilqa' talba għal estradizzjoni Russa. A. Petruhhin għaldaqstant invoka l-projbizzjoni li jiġi estradit ċittadin Lettoni, li minnha kellu jibbenefika huwa wkoll bħala ċittadin tal-Unjoni. Madankollu, għalkemm l-Istat Membru mitlub jista' jfittex kriminalment lil dawn tal-aħħar għal ksur gravi mwettaq barra mit-territorju tiegħu, huwa jibqa', bħala regola ġenerali, inkompetenti meta la l-awtur tal-ksur u lanqas il-vittma ma jkunu ċittadini tiegħu. L-estradizzjoni tippermetti b'hekk li jiġi evitat li dan il-ksur jibqa' bla piena. Madankollu, qabel ma jmexxi l-estradizzjoni, l-Istat Membru għandu jiskambja informazzjoni mal-Istat Membru ta' oriġini u jippermetti lil dan tal-aħħar jitlob il-konsenja taċ-ċittadin għall-finijiet tal-prosekuzzjoni. (Sentenza Petruhhin tas-6 ta' Settembru 2016, C-182/15)





# DRITTIJIET U OBBLIGI
## TAL-MIGRANTI

**Id-dritt tal-Unjoni jipprevedi regoli intiżi li jiffavorixxu r-riunifikazzjoni tal-membri tal-familja li ma jkunux ċittadini tal-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri għandhom, pereżempju, jawtorizzaw id-dħul u s-soġġorn tal-konjuġi tal-persuna riunifikata, taħt ċerti kundizzjonijiet. Il-persuna riunifikata għandha turi li tiddisponi minn riżorsi stabbli, regolari u suffiċjenti għall-bżonnijiet tagħha u tal-membri tal-familja tagħha mingħajr ma jkollha tirrikorri għal sistema ta' għajnuna soċjali fl-Istat Membru li fih tirrisjedi.**

Fuq domanda ta' qorti Spanjola, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-direttiva dwar ir-**riunifikazzjoni familjari** tippermetti evalwazzjoni perjodika tal-**evoluzzjoni tar-riżorsi** tal-persuna riunifikata lil hinn mid-data li fiha tressaq it-talba għal riunifikazzjoni. L-awtorità nazzjonali kompetenti tista' għaldaqstant twettaq eżami prospettiv tar-riżorsi sabiex tiżgura li l-persuna riunifikata u l-familja tagħha ma jkunux fir-riskju li jsiru, matul is-soġġorn tagħha, piż għas-sistema ta' għajnuna soċjali. (Sentenza Khachab tal-21 ta' April 2016, C-558/14)

Skont direttiva tal-Unjoni, tista' tingħata "protezzjoni sussidjarja" liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkunux ikkwalifikati bħala refuġjati imma li, għal raġunijiet serji u fattwali, ikollhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-persuni li lilhom ikunu taw dan l-istatus li jiċċirkulaw liberament fit-territorju tagħhom taħt l-istess kundizzjonijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fl-UE.

Fil-Ġermanja, meta l-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja jirċievu benefiċċji soċjali, il-permess ta' residenza tagħhom għandu jkollu miegħu obbligu li wieħed jirrisjedi f'post determinat. Mistoqsija dwar il-konformità tad-dritt Ġermaniż mad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet li Stat Membru jista' jissuġġetta lill-benefiċjarji tal-**protezzjoni sussidjarja** għall-obbligu ta' residenza sabiex jippromwovi l-integrazzjoni tagħhom, jekk ikunu qed jiltaqgħu ma' iktar diffikultajiet ta' integrazzjoni minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fl-Istat Membru. (Sentenza Alo u Osso tal-1 ta' Marzu 2016, Kawżi magħquda C-443/14 u C-444/14)

**Id-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi wkoll il-kriterji u mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli għat-twettiq tal-eżami ta' talba għal protezzjoni internazzjonali mressqa quddiemu fi Stat Membru (Regolament Dublin III).**

Meta ntalbet tinterpreta dan ir-regolament minn qorti Ungeriża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li Stat Membru jista' jibgħat applikant għal protezzjoni internazzjonali lejn pajjiż terz sigur, indipendentement minn jekk ikunx jew le l-Istat Membru

responsabbli għat-trattament tat-talba. Ċittadin Pakistan kien daħal illegalment fl-Ungerija mis-Serbja. Wara l-ewwel talba għal protezzjoni internazzjonali mressqa fl-Ungerija, huwa telaq mill-post ta' soġġorn assenjat lilu mill-awtoritajiet Ungeriżi. Iktar tard, huwa twaqqaf fir-Repubblika Ċeka huwa u jipprova jidħol l-Awstrija. B'applikazzjoni tar-Regolament Dublin III, l-awtoritajiet Ċeki talbu lill-Ungerija jieħdu lura lill-persuna interessata, ħaġa li l-Ungerija għamlet. Wara, iċ-ċittadin Pakistani ressaq talba ġdida għal protezzjoni internazzjonali fl-Ungerija, li ġiet miċħuda, għar-raġuni li, fil-fehma tagħha, is-Serbja kienet "pajjiż terz sigur". Minħabba ż-żamma tal-Pakistani, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet il-kwistjoni f'inqas minn tliet xhur, permezz ta' proċedura preliminari b'urġenza. Hija kkonfermat li l-Ungerija kienet fid-dritt skont il-liġi li tibgħat iċ-ċittadin Pakistani lil "pajjiż terz sigur". (Sentenza Mirza tas-17 ta' Marzu 2016, C-695/15 PPU)

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li d-dritt tal-Unjoni jippermetti **d-detenzjoni** ta' applikant għal ażil meta l-aġir tiegħu **jimminaċċja s-sigurtà jew l-ordni pubbliku nazzjonali**. Miżura ta' detenzjoni, prevista mid-direttiva Ewropea dwar l-aċċettazzjoni tal-persuni li jitlobu l-protezzjoni nazzjonali, tissodisfa effettivament l-għan ta' interess ġenerali, li huwa d-dritt ta' kull persuna għas-sigurtà, irrikonoxxut b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. (Sentenza J. N. tal-15 ta' Frar 2016, C-601/15 PPU)





# IT-TEKNOLOĠIJI
## TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI

**Kull sena, jingħataw serje ta' sentenzi f'kawżi li jinvolvu l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Fl-2016, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet diversi drabi tirrikonċilja l-libertà ta' aċċess għall-informazzjoni mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur.**

Ġurnal sensazzjonalistiku Olandiż ippubblika link fis-sit internet tiegħu li jwassal għal sit internet ieħor li fih kienu ġew ippubblikati illegalment ritratti li d-drittijiet tal-awtur tagħhom kienu miżmuma minn Playboy. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li t-tqegħid tal-**link** fis-sit ta' dan il-ġurnal ma kienx jeħtieġ l-awtorizzazzjoni ta' Playboy sakemm il-ġurnal ikun aġixxa mingħajr skop ta' lukru u bla konoxxenza tal-illegalità tar-ritratti. Madankollu, għalkemm il-link ġie pprovdut mingħajr skop ta' lukru, il-konoxxenza tan-natura illegali tal-pubblikazzjoni tar-ritratti għandha tiġi preżunta. (Sentenza GS Media BV tat-8 ta' Settembru 2016, C-160/15)

Fil-Ġermanja, l-amministratur ta' ħanut tressaq quddiem il-qorti minn Sony minħabba xogħol mużikali, li tiegħu l-kumpannija Ġappuniża għandha d-drittijiet tal-awtur, li kien ġie illegalment offrut lill-pubbliku sabiex jitniżżel permezz tal-**konnessjoni Wi-Fi b'xejn u mhux sigur** tal-ħanut. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li dan l-amministratur ma kienx responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-awtur eventwali mwettqa mill-utenti tal-konnessjoni Wi-Fi tiegħu peress li huwa ma kienx ħlief intermedjarju passiv. Min-naħa l-oħra, jista' jiġi ordnat jagħmel il-konnessjoni iktar sigura permezz ta' kodiċi sabiex iwaqqaf dan il-ksur jew jipprevenihom. (Sentenza Mc Fadden tal-15 ta' Settembru 2016, C-484/14)

F'kawża oħra li tikkonċerna lil Sony, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-**bejgħ konġunt ta' kompjuter u ta' softwer preinstallati** ma jikkostitwixxix prattika kummerċjali illegali. Barra minn hekk, għalkemm, waqt ix-xiri ta' kompjuter, il-klijent ikun ġie debitament informat bl-eżistenza ta' softwer preinstallat, ma jistax jippretendi li din l-offerta konġunta tmur kontra d-diliġenza professjonali, anki jekk il-venditur ikun naqas milli jindika l-prezz ta' dan is-softwer. (Sentenza Deroo-Blanquart tas-7 ta' Settembru 2016, C-310/15)

Fi proċeduri kriminali mibdija fil-Latvja kontra żewġ individwi li kienu biegħu fuq internet **kopji ta' backup ta' softwer** prodotti minn Microsoft, il-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li l-akkwirent ta' softwer jista' jbigħ kemm il-mezz fiżiku oriġinali li jkollu dan il-programm kif ukoll il-liċenzja tiegħu għall-użu. Min-naħa l-oħra, meta dan il-mezz fiżiku jkollu l-ħsara, miksur jew mitluf, l-akkwirent ma jistax ibigħ il-kopja tiegħu ta' backup tas-softwer mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-possessur tad-drittijiet tal-awtur. (Sentenza Ranks u Vasiļevičs tat-12 ta' Ottubru 2016, C-166/15)

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, bħal fil-każ tas-self tradizzjonali tal-kotba, il-libreriji pubbliċi jistgħu wkoll isellfu **kotba elettroniċi** mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-awturi. Madankollu, minn naħa, l-awturi għandhom jibbenefikaw minn ħlas ġust għal dan is-self u, min-naħa l-oħra, huma biss il-kotba miksuba minn sors legali li jkunu jistgħu jissellfu b'dan il-mod. (Sentenza Vereniging Openbare Bibliotheken tal-10 ta' Novembru 2016, C-174/15)




# IT-TRADE MARKS

**L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO, li qabel kien jismu UASI) huwa responsabbli għar-reġistrazzjoni u l-amministrazzjoni tat-trade marks tal-UE kif ukoll tad-disinni Komunitarji. Id-deċiżjonijiet tiegħu jistgħu jiġu kkontestati quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, u sentenza tal-Qorti Ġenerali tista' min-naħa tagħha tiġi mistħarrġa fil-liġi mill-Qorti tal-Ġustizzja. Madwar terz tal-kawżi tal-Qorti Ġenerali jirrigwardaw kwistjonijiet li jikkonċernaw it-trade marks.**

Il-Qorti Ġenerali qieset li, għall-**prodotti tal-ikel jew għax-xarbiet**, ir-reputazzjoni tat-trade marks ta' McDonald's tippermetti li twaqqaf ir-reġistrazzjoni ta' trade marks li jikkombinaw il-prefiss **"Mac"** jew **"Mc"** mal-isem ta' prodott tal-ikel jew ta' xarba. B'dan il-mod, kumpannija ta' Singapor ma setgħetx tirreġistra mal-EUIPO t-trade mark **MACCOFFEE** għal prodotti tal-ikel u għal xarbiet. (Sentenza Future Enterprises vs EUIPO tal-5 ta' Lulju 2016, T-518/13)

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ddikjarat li **ħoss ta' alarm jew tat-telefon standard** ma jistax jiġi rreġistrat bħala trade mark tal-Unjoni minħabba l-banalità tiegħu. Fil-fatt, ħoss bħal dan jiġi ttraskurat u ma jistax jiġi mmemorizzat mill-konsumatur. (Sentenza Globo Comunicação e Participações S.A. vs EUIPO tat-13 ta' Settembru 2016, T-408/15)

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali ma kellhiex tivvalida d-deċiżjoni tal-EUIPO li tirreġistra l-**forma tal-kubu ta' Rubik** bħala trade mark tal-Unjoni. Il-Qorti Ġenerali kienet qieset f'sentenza tal-2014 li l-forma tal-kubu ta' Rubik ma kinitx soluzzjoni teknika u setgħet għal din ir-raġuni tiġi rreġistrata bħala trade mark. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, min-naħa tagħha, li kien indispensabbli li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi tekniċi mhux viżibbli fir-rappreżentazzjoni grafika tal-kubu ta' Rubik, bħall-kapaċità ta' rotazzjoni tal-komponenti individwali tal-puzzle 3D. L-EUIPO għaldaqstant kellu jieħu deċiżjoni ġdida u jieħu inkunsiderazzjoni l-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja. (Sentenza Simba Toys GmbH & Co. KG vs EUIPO tal-10 ta' Novembru 2016, C-30/15 P)

# IL-PROTEZZJONI
## TAS-SAĦĦA



**L-Unjoni Ewropea tieħu ħafna inkunsiderazzjoni l-interessi tal-konsumaturi. Hija tippromwovi s-sigurtà tagħhom, ittejjeb il-konoxxenza tad-drittijiet tagħhom u ssaħħaħ l-applikazzjoni tar-regoli li jipproteġuhom. Il-qrati tal-Unjoni Ewropea b'dan il-mod qatgħu numru ta' kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumaturi.**

Fl-2016, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ittikkettjar ta' ċertu **frott** (lumi, mandarin u larinġ) li jindika s-sustanzi kimiċi użati fit-trattament wara l-ħsad huwa obbligatorju. Il-konsumatur għandu jkun avżat bit-trattament tal-frott għaliex, b'differenza mill-frott ta' qoxra fina, dan il-frott jista' jiġi ttrattat b'dożi ta' sustanzi kimiċi ħafna iktar qawwija. (Sentenza Spanja vs Il-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2016, C-26/15 P)

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tkellmet dwar id-dikjarazzjonijiet dwar l-effetti tal-prodotti tal-ikel fuq is-saħħa, li jidhru fit-tikketti, fil-preżentazzjoni tal-prodotti jew fir-reklamar, li jindikaw l-effetti benefiċi tal-glukożju (pereżempju, "il-glukożju jsostni l-attività fiżika" jew "il-glukożju jgħin għall-funzjonament tajjeb tal-metaboliżmu enerġetiku"). Dawn id-dikjarazzjonijiet jenfasizzaw biss l-effetti benefiċi mingħajr ma jsemmu l-perikli marbuta mal-konsum żejjed taz-zokkor. Minħabba f'hekk, huma kienu ambigwi u qarrieqa, u ma setgħux, għaldaqstant, jiġu awtorizzati. (Sentenza Dextro Energy GmbH & Co. KG vs Il-Kummissjoni tas-16 ta' Marzu 2016, T-100/15)

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja wkoll iddeċidiet li d-direttiva l-ġdida fuq il-prodotti tat-tabakk (2014) hija valida. Hija tipprevedi l-projbizzjoni, mill-2020, tat-tqegħid fis-suq ta' **prodotti tat-tabakk li għandhom togħma karatterizzanti**, b'mod partikolari s-sigaretti bil-mentol. Hija tipprevedi, barra minn hekk regolamentazzjoni għas-**sigarett elettroniku**, l-istandardizzazzjoni tal-ittikkettjar u tal-kundizzjonament tal-prodotti tat-tabakk billi tippreċiża li l-imballaġġ għandu jkollu twissija ta' saħħa komposta minn messaġġ u ritratt bil-kulur. (Sentenzi Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill et tal-4 ta' Mejju 2016, C-358/14 fost oħrajn)



# IL-ĦARSIEN TAL-AMBJENT U TAL-ANNIMALI

**Ir-regoli ambjentali tal-Unjoni Ewropea huma fost l-iktar stretti fid-dinja: huma jfittxu li jirrendu l-ekonomija iktar ekoloġika, li jħarsu l-bijodiversità u l-habitat naturali, u li jiżguraw livell għoli tas-saħħa u tal-kwalità tal-ħajja tal-Unjoni.**

Id-dritt tal-Unjoni jeskludi mis-suq Ewropew il-prodotti kożmetiċi li jkollhom ingredjenti li jkunu użaw sperimentazzjoni tal-annimali. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li mhux possibbli li dak li jkun idur madwar din il-projbizzjoni prevista mid-dritt tal-Unjoni billi jiġu effettwati **sperimentazzjonijiet fuq l-annimali f'pajjiżi terzi**. B'dan il-mod, it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' prodotti kożmetiċi li jkollhom ingredjenti li jkunu użaw sperimentazzjonijiet fuq l-annimali barra mill-Unjoni tista' tiġi pprojbita, meta dawn ir-riżultati jintużaw sabiex jippruvaw is-sigurtà tal-prodott. (Sentenza European Federation for Cosmetic Ingredients tal-21 ta' Settembru 2016, C-592/14)

F'kawża oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Greċja kienet naqset mill-obbligu tagħha li tħares il-**fkieren ġganti tal-baħar *Caretta caretta*** fil-bajja ta' Kyparissia, billi dawn huma ddisturbati mill-attivitajiet turistiċi żviluppati fir-reġjuni. (Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja tal-10 ta' Novembru 2016, C-504/14)

Il-perikli ambjentali jistgħu wkoll jikkawżaw organiżmi noċivi, bħall-**batteru *Xylella fastidiosa***, li hija ssuspettata li kkawżat il-mewt tas-siġar taż-żebbuġ permezz ta' nxif. Sabiex tevita t-tixrid tagħha, il-Kummissjoni, fl-2015, imponiet fuq l-Istati Membri l-obbligu li jitqaċċtu minnufih dawk il-pjanti li jidħol fihom dan il-batteru f'firxa ta' 100 metru madwar il-pjanti infettati. Mistoqsija minn qorti amministrattiva Taljana, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-deċiżjoni hija konformi mal-prinċipju ta' prekawzjoni u proporzjonata mal-għan ta' ħarsien tal-pjanti fl-Unjoni, sa fejn ix-xjenza ma kinitx taf b'ebda trattament li jippermetti l-fejqan tal-pjanti infettati f'dan il-qasam. (Sentenza Giovanni Pesce et tad-9 ta' Ġunju 2016, C-78/16 u C-79/16)

# IL-POLITIKA BARRANIJA
## U L-MIŻURI RESTRITTIVI

**Il-"miżuri restrittivi" huma strument ta' politika barranija li bihom l-Unjoni tfittex li tinfluwenza bidla fil-politika jew fl-aġir min-naħa ta' pajjiż terz. Huma jistgħu jieħdu l-forma ta' embargo ta' armi, iffriżar ta' beni, projbizzjoni ta' dħul jew ta' tranżitu fit-territorju tal-UE, projbizzjoni ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni, eċċ. Huma jistgħu jolqtu l-gvernijiet, il-kumpanniji, il-persuni fiżiċi, kif ukoll gruppi jew organizzazzjonijiet (bħal gruppi terroristiċi).**

**Il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali ttrattaw diversi kawżi dwar miżuri restrittivi b'mod partikolari fil-konfront tal-Afganistan, tal-Bjelorussja, tal-Kosta tal-Ivorju, tal-Eġittu, tal-Iran, tal-Libja, tar-Russja, tas-Sirja, tat-Tuneżija, tal-Ukraina u taż-Żimbabwe.**




Fil-kuntest tal-miżuri restrittivi adottati b'risposta għall-kriżi tal-Ukraina, il-Qorti Ġenerali vvalidat iż-żamma tal-iffriżar ta' fondi ta' diversi **Ukraini**, fosthom dawk tal-eks president **Viktor Yanukovytch**. Dawn il-persuni kienu involuti fi proċeduri kriminali kontrihom b'akkużi ta' serq ta' flus jew ta' beni pubbliċi u l-iffriżar ta' fondi kien qed jgħin lill-prosekuzzjoni kontrihom b'mod iktar faċli u effikaċi. (Sentenzi Yanukovych et vs Il-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2016, T-340/14 fost oħrajn)

Il-Qorti Ġenerali wkoll ivvalidat l-iffriżar ta' fondi fl-2015 fil-konfront tal-biljunarju Russu **Arkady Rotenberg**. Huwa fil-fatt għen sabiex titkisser l-integrità territorjali tal-Ukraina billi bena pont bejn ir-Russja u l-Krimea u billi implementa kampanja ta' relazzjonijiet pubbliċi sabiex jikkonvinċi lit-tfal tal-Krimea li huma ċittadini Russi li jgħixu fir-Russja. (Sentenza Arkady Rotenberg vs Il-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2016, T-720/14)

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-miżuri restrittivi imposti fuq **Johannes Tomana**, prosekutur ġenerali taż-**Żimbabwe**, u fuq 120 persuna u kumpannija oħra stabbiliti f'dan il-pajjiż. Hija qieset li l-persuni li jokkupaw pożizzjonijiet għolja huma kompletament assoċjati mal-Gvern taż-Żimbabwe u b'hekk ikkontribwixxew għall-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq minn dan il-gvern. (Sentenza Johannes Tomana et vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni tat-28 ta' Lulju 2016, C-330/15 P)

# B // IĊ-ĊIFRI BAŻIĊI TAL-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' prinċipalment tisma' kawżi dwar:**

- **talbiet għal domandi preliminari**, meta qorti nazzjonali jkollha dubji dwar l-interpretazzjoni ta' att adottat mill-Unjoni jew dwar il-validità tiegħu. Il-qorti nazzjonali tissospendi l-kawża quddiemha u tagħmel talba lill-Qorti tal-Ġustizzja, li tagħti r-risposta dwar l-interpretazzjoni t-tajba tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni jew dwar il-validità tagħhom. Ladarba tingħata d-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti nazzjonali tkun tista' taqta' l-kawża quddiemha. Fost il-kawżi li jirrikjedu risposta fi żmien qasir ħafna (pereżempju fil-qasam tal-ażil, tal-kontroll tal-fruntieri, tal-ħtif ta' minuri, eċċ.), hemm prevista **proċedura preliminari b'urġenza ("PPU")**;
- **appelli**, mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali, li huma rimedji ġudizzjarji li bihom il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tħassar deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali;
- **rikorsi diretti**, li jfittxu prinċipalment li:
  - att tal-Unjoni jiġi annullat **("rikors għal annullament")** jew
  - jiġi kkonstatat li Stat Membru naqas taħt id-dritt tal-Unjoni (**"rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu"**). Jekk l-Istat Membru ma jikkonformax ruħu mas-sentenza li tkun ikkonstatat in-nuqqas, rikors ieħor, imsejjaħ **"rikors għat-tieni nuqqas"**, jista' jwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja timponi fuqu sanzjoni ta' flus;
- **opinjoni** fuq il-kompatibbiltà mat-Trattati ta' ftehim li l-Unjoni tipproponi li tikkonkludi ma' stat terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali. Din it-talba tista' titressaq minn Stat Membru jew minn istituzzjoni Ewropea (il-Parlament, il-Kunsill jew il-Kummissjoni).



**692**

**kawża mressqa**

## Proċedura preliminari

**453**

**li minnhom**
**8 PPU**

Stati Membri li minnhom prinċipalment joriġinaw it-talbiet:

| | |
|---|---|
| Il-Ġermanja : | **84** |
| L-Italja : | **62** |
| Spanja : | **47** |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi : | **26** |
| Il-Belġju : | **26** |

**35** **Rikors dirett**

**li minnhom**
**31** **rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u**
**3** **rikorsi għat-"tieni nuqqas"**

**175**

**Appell minn deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali**

**7** **Talbiet għal għajnuna legali**



**Parti fil-kawża li ma tkunx tista' tħallas għall-ispejjeż tal-istanza tista' titlob li tibbenefika mill-għajnuna legali b'xejn.**



**704**
**Kawżi magħluqa**

**453** **Proċedura preliminari**

li minnhom **9** PPU

**49** **Rikors dirett**

li minnhom **27** nuqqas ikkonstatat kontra **16**-il Stat Membru

li minnhom **2** rikorsi għat-"tieni nuqqas"

**Appelli minn deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali**

**189**

li minnhom **21** annullaw id-deċiżjoni adottata mill-Qorti Ġenerali

**Tul medju tal-kawżi**

**14,7** -il xahar

**Proċeduri preliminari b'urġenza:**

**2,7** xhur

**Oqsma prinċipali ttrattati:**

| | |
|---|---|
| Agrikoltura | 13 |
| Ambjent | 53 |
| Dritt soċjali | 23 |
| Fiskalità | 41 |
| Ħarsien tal-konsumatur | 33 |
| Kompetizzjoni u għajnuna mill-Istat | 56 |
| Libertajiet ta' moviment u ta' stabbiliment u suq intern | 65 |
| Proprjetà intellettwali | 80 |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | 51 |
| Trasport | 20 |

# IL-QORTI ĠENERALI

Il-Qorti Ġenerali tista' tintalab tisma' kawżi, fl-ewwel istanza, fuq rikorsi diretti **mressqa mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi (kumpanniji, assoċjazzjonijiet, eċċ.)** u mill-**Istati Membri** kontra l-atti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-organi tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll ta' rikorsi għal kumpens għal danni kkawżati mill-istituzzjonijiet jew mill-persunal tagħhom. Il-parti l-kbira tal-kwistjonijiet hija ta' natura ekonomika: proprjetà intellettwali (trade marks u disinni tal-Unjoni Ewropea), kompetizzjoni u għajnuna mill-Istat.

Mill-1 ta' Settembru 2016, il-Qorti Ġenerali għandha wkoll il-kompetenza li taqta' kawżi, fl-ewwel istanza, fil-qasam tas-servizz pubbliku, fuq kwistjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha.

Mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali jista' jitressaq appell, fuq kwistjonijiet ta' dritt biss, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.



**974**
**Kawża mressqa**

**832**
**832 Rikors dirett**

**li minnhom:**

- **336** dwar proprjetà intellettwali
- **163** fil-qasam tas-servizz pubbliku
- **333** rikors dirett ieħor (inkluż **30** rikors dirett imressaq mill-Istati Membri)

**39** **Appell minn deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku**



**Talbiet għal għajnuna legali**

**47** **Parti fil-kawża li ma tkunx tista' tħallas għall-ispejjeż tal-istanza tista' titlob li tibbenefika mill-għajnuna legali b'xejn.**

**755**
**Kawża magħluqa**

**645**
**Rikors dirett**

**li minnhom**

- **288** dwar il-proprjetà intellettwali
- **5** fil-qasam tas-servizz pubbliku
- **352** rikors dirett ieħor

**26**
**Appell mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku**

**li minnhom**

- **10** annullaw id-deċiżjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

**Tul medju tal-kawżi** **18,7** **-il xahar**

**Deċiżjonijiet li minnhom sar appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja** **26 %**

**Oqsma prinċipali ttrattati:**



# IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (TSP), imwaqqaf fl-2004, waqqaf l-attività tiegħu, fil-kuntest tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea, fil-31 ta' Awwissu 2016. Il-kawżi pendenti quddiemu f'din id-data ġew ittrasferiti lill-Qorti Ġenerali li, mill-1 ta' Settembru, issa hija l-qorti kompetenti li taqta' l-kawżi fuq rikorsi dwar is-servizz pubbliku.

Dawn huma kwistjonijiet bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-persunal tagħhom (madwar 40 000 persuna, bejn l-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha) li jikkonċernaw prinċipalment ir-relazzjonijiet tax-xogħol kif magħrufa, kif ukoll is-sistema tas-sigurtà soċjali.

L-informazzjoni mogħtija hawn isfel tirrigwarda eskużivament il-perijodu inkluż bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Awwissu 2016.

**77**
**Kawża mressqa**

**169**
**Kawża maqtugħa**

**li minnhom**
**8**
**kawżi maqtugħin bonarjament,**

**Jiġifieri madwar**
**5 %**

**10** xhur — **Tul medju tal-kawżi**

**Deċiżjonijiet li minnhom sar appell quddiem il-Qorti Ġenerali** — **21 %**

# 3

## SENA TA' FTUĦ
## **U TA' KUNTATTI**



# A // L-AVVENIMENTI IMPORTANTI

**Id-djalogu li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea żżomm mal-qrati nazzjonali u maċ-ċittadini Ewropej ma jseħħx biss matul il-proċeduri ġudizzjarji, imma jiżviluppa kull sena permezz ta' ħafna kuntatti.**

**F'dan ir-rigward, l-2016 kienet sena mimlija laqgħat u diskussjonijiet, li jgħinu fit-tixrid tad-dritt u tal-ġurisprudenza tal-Unjoni, kif ukoll fil-komprensjoni tagħhom.**



**15 ta' April**

## Finali tal-«*European Law Moot Court Competition*»

Il-European Law Moot Court Competition, li ilha tiġi organizzata għal dawn l-aħħar 30 sena mill-European Law Moot Court Society, hija kompetizzjoni ta' dibattiti legali li għandha l-għan li xxerred l-għarfien tad-dritt tal-Unjoni fost l-istudenti tal-liġi. Hija meqjusa bħala waħda mill-iktar kompetizzjonijiet prestiġjużi fid-dinja, u l-finali tinżamm kull sena fil-Qorti tal-Ġustizzja, fejn it-timijiet komposti minn studenti mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni, iżda anki mill-Istati Uniti, jikkompetu ma' xulxin f'dibattiti legali li jinżammu quddiem bordijiet komposti mill-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali. Ir-rebbieħa tal-edizzjoni 2016 hija l-Università ta' Ljubljana (is-Slovenja) filwaqt li l-premjijiet ta' "L-Aħjar Avukat Ġenerali" u ta' "L-aħjar aġent tal-Kummissjoni" ingħataw rispettivament lil Emma Gheorgiu tal-Università ta' Leiden (il-Pajjiżi l-Baxxi) u lil Emily Rebecca Hush tal-Università ta' Columbia (l-Istati Uniti).



**24 ta' Settembru**

## Ġurnata "Bibien miftuħa" tal-istituzzjonijiet

Bit-tir ta' trasparenza u ta' viċinanza maċ-ċittadini, diversi istituzzjonijiet nazzjonali u Ewropej fil-Lussemburgu, fosthom il-Qorti tal-Ġustizzja, jiftħu biebhom għall-pubbliku. Din l-inizjattiva tippermetti liċ-ċittadini kollha jiġu jiskopru mill-viċin dak li jiġri wara l-kwinti ta' dawn l-istituzzjonijiet. Dan huwa mod oriġinali għall-viżitaturi sabiex isiru jafu iktar dwar ir-rwol u l-funzjonament tal-varji atturi pubbliċi, billi jħabbtu fuq il-bieb tal-binjiet tagħhom.



**11 ta' Novembru**

## "Bennejja tal-Ewropa", djalogu maż-żgħażagħ

Il-Qorti tal-Ġustizzja tistieden studenti minn diversi Stati Membri sabiex jiltaqgħu ma' personalitajiet għolja Ewropej. Martin Schulz, Jean-Claude Juncker u Koen Lenaerts, Presidenti rispettivament tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jiddjalogaw ma' studenti minn skejjel Ġermaniżi, Belġjani, Franċiżi u Lussemburgiżi, kif ukoll mill-Iskola Ewropea tal-Lussemburgu. F'din l-okkażjoni, it-tliet personalitajiet jippreżentaw il-karriera Ewropea rispettiva tagħhom u jaqsmu, mal-istudenti, ir-riflessjonijiet tagħhom dwar l-integrazzjoni Ewropea.





13 sal-15 ta' Novembru

## Forum tal-membri tal-ġudikatura

Membri tal-ġudikatura minn diversi qrati tal-Istati Membri jingħabru kull sena fl-okkażjoni tal-Forum organizzat mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jaqsmu l-veduti fuq temi varji tad-dritt tal-Unjoni. Dan l-avveniment ifittex li jsaħħaħ id-djalogu li l-Qorti tal-Ġustizzja twettaq mal-Imħallfin nazzjonali, b'mod partikolari fil-kuntest tad-domandi preliminari, imma wkoll sabiex tippromwovi t-tixrid u l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, billi l-Imħallfin huma l-ewwel li għandhom japplikawh meta jintalbu jaqtgħu l-kwistjoni li jkollhom quddiemhom.



## Żjarat uffiċjali fil-Qorti tal-Ġustizzja

Fil-kuntest tal-iskambji istituzzjonali kostanti bejn il-Qorti tal-Ġustizzja, l-istituzzjonijiet l-oħra, il-qrati internazzjonali u l-istituzzjonijiet u l-qrati tal-Istati Membri tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet fl-2016 żjarat ta' delegazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-Affarijiet Kostituzzjonali tal-Parlament Ewropew, tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Parlamenti tal-Wallonie u tal-Awstrija. Hija laqgħet ukoll lil Laurent Fabius, President tal-Kunsill Kostituzzjonali Franċiż, ta' James Wolffe, Lord Advocate, ta' Myron Nicolatos, President tal-Qorti Suprema, u Costas Clerides, Attorney General ta' Ċipru, kif ukoll lid-delegazzjonijiet tal-membri tal-ġudikatura tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit, tal-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, u tal-Kunsill tal-Istat tar-Repubblika Franċiża.

Il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet ukoll id-delegazzjonijiet tal-Kunsill tal-Avukaturi Ewropej u tal-Unjoni tal-Avukati Ewropej, kif ukoll varji personalitajiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari Milan Brglez, President tal-Assemblea Nazzjonali tas-Slovenja, Timo Soini, Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Finlandja, Ekaterina Zaharieva, Ministru tal-Ġustizzja tal-Bulgarija, Lucia Žitňanská, Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja tas-Slovakkja, Augusto Santos Silva, Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Portugall, Miro Kovač, Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej tal-Kroazja, Ard van der Steur, Ministru tas-Sigurtà u tal-Ġustizzja tal-Pajjiżi l-Baxxi, u Guy Arendt, Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Kultura tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

# B // IĊ-ĊIFRI BAŻIĊI

## Djalogu kostanti mal-professjonisti tad-dritt

- **Jinżamm id-djalogu ġudizzjarju ma' ġudikanti nazzjonali**

**1 938**

**ġudikant intlaqa' fil-Qorti tal-Ġustizzja**

- laqgħa tal-ġudikanti nazzjonali fil-kuntest tal-Forum annwali tal-membri tal-ġudikatura jew fil-kuntest ta' stage ta' 6 jew 10 xhur fi ħdan kabinett ta' Membru
- seminars organizzati fil-Qorti tal-Ġustizzja
- informazzjoni għall-ġudikanti nazzjonali fil-kuntest ta' assoċjazzjonijiet jew ta' netwerks ġudizzjarji Ewropej
- parteċipazzjonijiet fil-ftuħ tas-sena forensi tal-qrati nazzjonali supremi u superjuri, u laqgħat mal-Presidenti jew il-Viċi Presidenti tal-qrati supremi Ewropej

- **Azzjoni favur l-applikazzjoni u l-komprensjoni tad-dritt tal-Unjoni mill-professjonisti tad-dritt**

**675**

**grupp ta' viżitaturi**

- Li jingħataw preżentazzjoni fuq is-seduti li jattendu jew fuq kif jaħdmu l-qrati

**li minnhom**

**219**



**-il grupp ta' professjonisti tad-dritt**

**Jiġifieri 3 318-il persuna**



**245**

**staġista**

**tal-liġi bħala parti mill-kors tiegħu**



**447**

**utent estern**

**li jinkludi studenti, riċerkaturi, professuri li wettqu riċerki fil-bibljoteka tal-istituzzjoni**

## Djalogu msaħħaħ maċ-ċittadini Ewropej

**15 933**
viżitatur
li minnhom
**584**
matul il-ġurnata "bibien miftuħa"

**147**
stqarrija għall-istampa
(total ta'
**1 810**
verżjoni lingwistika)

**258**
tweet
mibgħuta mill-kont Twitter tal-Qorti tal-Ġustizzja, li għandu
**31 700**
"segwaċi"

**85**
talba għal aċċess
għal dokumenti amministrattivi u għall-arkivji storiċi tal-istituzzjoni

Madwar **18 000** talba għal informazzjoni fis-sena

## Djalogu uffiċjali u istituzzjonali regolari

**29**
żjara uffiċjali

**9**
żjarat ta' korteżija ta' personalitajiet mill-Istati Membri jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali

**7**
udjenzi solenni



# 4

# AMMINISTRAZZJONI
# LI TAQDI L-ĠUSTIZZJA



# A // AMMINISTRAZZJONI FUNZJONALI, MODERNA U MULTILINGWI



**Ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa s-segretarju ġenerali tal-istituzzjoni, imexxi d-dipartimenti amministrattivi taħt l-awtorità tal-President. Huwa jixhed dwar l-impenn tad-dipartimenti li jagħtu sostenn lill-attività ġudizzjarja, wara sena partikolarment impenjattiva.**

F'kuntest kemm ta' tkabbir kontinwu tal-attività ġudizzjarja kif ukoll ta' tnaqqis tal-effettivi mitlub mill-awtoritajiet tal-baġit għall-perijodu 2013-2017, it-twettiq, matul is-sena li għaddiet, tal-ewwel u tat-tieni fażijiet tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja kellu bilfors ikollu miegħu tmexxija attenta u innovattiva tar-riżorsi għad-dispożizzjoni tal-istituzzjoni.

Għalkemm it-tisħiħ tal-Qorti Ġenerali ppermetta li titħares il-missjoni bażika tal-istituzzjoni, huwa ġiegħel lid-dipartimenti amministrattivi jfittxu adattament imħaffef u fil-fond tal-organizzazzjoni tagħhom u tal-mod kif jaħdmu sabiex isostnu, bl-aħjar mod u mingħajr riżorsi addizzjonali, it-twettiq ta' din ir-riforma.

Din l-isfida ntlaħqet permezz tal-impenn kostanti tad-dipartimenti li jsostnu l-attività ġudizzjarja. Fil-fatt, dawn tal-aħħar ħadmu sabiex itejbu u jirfinaw il-proċeduri tax-xogħol tagħhom, bħalma wrew l-inizjattivi intiżi, pereżempju, li jiddiġitalizzaw il-fluss tat-trattament tal-kawżi, mill-preżentata sal-pubblikazzjoni tas-sentenza, ir-riflessjonijiet magħmula sabiex jiġu ssodisfatti, b'mod dejjem iktar effiċjenti, il-bżonnijiet lingwistiċi tal-qrati, jew l-adattamenti tal-infrastrutturi għall-kuntesti ġodda li fihom l-istituzzjoni tmexxi l-effettività tagħha.

Dawn l-innovazzjonijiet ġodda kollha u l-adattamenti msemmija fil-paġni li ġejjin juru x-xogħol ta' istituzzjoni responsabbli, indirizzata lejn kontribut li hija tagħti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Hekk kif l-istituzzjonijiet qed ilestu sabiex jiċċelebraw is-60 anniversarju tat-Trattati ta' Ruma, ma hemm ebda dubju li r-riflessjonijiet u x-xogħljiet imwettqa sabiex ikun hemm kooperazzjoni bla waqfien u iktar stretta mas-sieħba tal-Qorti tal-Ġustizzja fi ħdan l-Istati Membri għandha tippermetti li jsir l-ewwel abbozz ta' dak li għada ser tkun l-Ewropa tal-ġustizzja.

Alfredo **CALOT ESCOBAR**
Reġistratur

# B // ĊIFRI U PROĠETTI

## Lejn dematerjalizzazzjoni tal-flussi proċedurali

Minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja hija l-istituzzjoni Ewropea l-iktar antika, hija tibqa' xorta waħda tħares b'determinazzjoni lejn il-futur. Hija u tibbaża ruħha fuq l-aħħar żviluppi teknoloġiċi fil-qasam informatiku ġudizzjarju, hija tħaddem diġà għal diversi snin id-diġitalizzazzjoni u ż-żamma fis-sigurtà tal-flussi fil-kuntest tal-proċeduri mressqa quddiem il-qrati tagħha, mill-preżentata tal-kawża sal-pubblikazzjoni tas-sentenza.

Kif juri l-użu iktar wiesa' tal-applikazzjoni e-Curia u l-pubblikazzjoni ta' kuljum tal-ġurisprudenza tal-Ġabra, l-istituzzjoni tuża kuljum il-possibbiltajiet mogħtija mill-għodda elettroniċi sabiex tiżgura l-ħeffa tal-ġustizzja u t-tixrid tagħha.

Fil-mument tat-tressiq ta' kawża ġdida, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-partijiet applikazzjoni informatika, li jisimha "**e-Curia**", li tippermetti l-preżentata, il-konsultazzjoni u r-riċezzjoni tad-dokumenti proċedurali b'mod elettroniku, b'mod sigur. Is-suċċess li nkiseb minn e-Curia baqa' jiżdied minn meta bdiet fl-2011 u l-istituzzjoni hija sodisfatta li, mill-2016, l-Istati Membri kollha issa jużaw e-Curia meta jkunu parti f'kawża.

**Perċentwali tal-atti proċedurali ppreżentati permezz ta' e-Curia:**




**Numru ta' kontijiet ta' aċċess għall-applikazzjoni e-Curia**




**Numru ta' Stati Membri li jużaw l-applikazzjoni e-Curia**



Il-proċess ta' dematerjalizzazzjoni tal-proċeduri wkoll wassal lill-Qorti tal-Ġustizzja tħaffef il-fluss tal-pubblikazzjonijiet fil-**Ġabra tal-Ġurisprudenza**. Din il-Ġabra, li hija l-pubblikazzjoni uffiċjali tal-ġurisprudenza tal-qrati li jikkomponu l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, illum tiġi ppubblikata esklużivament f'format diġitali.

Mill-1 ta' Novembru 2016, il-pubblikazzjoni tal-Ġabra diġitali (li kienet isseħħ, minn meta twaqqfet fl-2012, f'parti kull xahar) issa titwettaq kuljum, b'mod li tiżgura li d-deċiżjonijiet tal-ġabra jidhru bl-iktar ħeffa possibbli minn mindu jingħataw.




## Il-kwistjonijiet marbuta ma' tmexxija innovattiva tal-multilingwiżmu

### Il-Qorti tal-Ġustizzja, li hija istituzzjoni ġudizzjarja multilingwi, għandha tkun f'pożizzjoni li tittratta kawża tkun liema tkun il-lingwa uffiċjali tal-Unjoni li biha titressaq, sabiex tiżgura t-tixrid tal-ġurisprudenza tagħha f'dawn il-lingwi kollha.

Fid-dawl tal-kwistjonijiet marbuta mat-tkabbir tan-numru ta' lingwi uffiċjali, li minn 4 fil-bidu tal-kostruzzjoni Ewropea saru 24, il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma waqfet taħdem b'attenzjoni fit-tmexxija tal-multilingwiżmu sabiex tiżgura li tibqa' teżisti.

B'hekk, id-direttorat tat-traduzzjoni jwettaq riflessjoni sabiex janalizza l-proċeduri li jistgħu jtejbu s-sostenn li jingħata mit-traduzzjoni esterna, li għandu jippermetti li jressaq iktar viċin il-perizja ġuridika u lingwistika żviluppati fil-Qorti tal-Ġustizzja u l-prattika u l-perizja ġuridika żviluppati fi ħdan l-Istati Membri, filwaqt li tikber il-firxa ta' kompetenzi li ser jippermettu lid-direttorat ġenerali tat-traduzzjoni jaffaċċja ż-żieda strutturali tal-paġni għat-traduzzoni u tal-kombinazzjonijiet lingwistiċi li għandhom jiġu koperti.

Dawn ir-riflessjonijiet, li jimplikaw investimenti indispensabbli għall-iżvilupp tal-kompetenzi fi ħdan l-Istati Membri, huma l-bażi għall-futur tat-traduzzjoni ġuridika u għall-istituzzjoni fiha nnifisha fir-rigward tal-inklużjoni tal-multilingwiżmu f'kull aspett tal-attività ġudizzjarja tagħha.

**Id-dipartimenti lingwistiċi fi ftit ċifri**

**24** lingwa tal-kawża potenzjali, jew

**552** kombinazzjoni lingwistika possibbli

**74** interpretu għas-seduti għat-trattazzjoni u għal-laqgħat

**613** "ġurista lingwista" sabiex jittraduċi d-dokumenti miksuba

**23** diviżjoni lingwistika

**1 160 000** paġna prodotta fl-2016 mid-direttorat tat-traduzzjoni

Tnaqqis tal-bżonn ta' traduzzjoni fl-2016 (miżuri ta' ffrankar interni) : **440 000 paġna**



**Evoluzzjoni tan-numru ta' paġni għat-traduzzjoni**








## Infrastrutturi ekonomiċi, ekoloġiċi u siguri

It-tiġdid tal-infrastrutturi tal-Palazz tal-Ġustizzja (inawgurat fl-2008), li għandu jitwettaq bit-tielet torri fl-2019, tkompla bit-tliet miri ta' ffrankar, ekoloġija u sigurtà tal-persuni, tal-bini u tal-informazzjoni.

Il-bini, mibni b'mod li l-ispazji miftuħa għall-pubbliku u dawk irriżervati għall-membru u għall-persunal jinżammu separati sabiex jiġi żgurat trattament tajjeb tal-kawżi skont il-bżonnijiet tat-testi proċedurali, qed ikompli jiġi adattat kostantement skont il-bżonnijiet tal-pubbliku, tal-kwistjonijiet li jitressqu quddiem il-qrati u għall-kuntest internazzjonali li fih jitwettqu l-attivitajiet tagħhom.

It-tqegħid tal-**ewwel ġebla** tat-tielet torri f'Ġunju 2016 hija pass importanti sabiex jintlaħaq l-għan li jiġbor il-persunal kollu fl-istess sit, li joffri b'hekk l-iffrankar ta' riżorsi rilevanti mistenni mill-awtorità tal-baġit fil-qasam tat-tmexxija tal-infrastruttura immobiljari.

It-tmexxija tal-proġetti immobiljari tal-istituzzjoni, kif ukoll il-ġestjoni ta' kuljum tal-mezzi u tal-għodda disponibbli barra minn hekk isegwu x-xewqa kostanti ta' rispett tal-ambjent, kif jixhed il-ksib taċ-**ċertifikazzjoni EMAS** (Eco-Management and Audit Scheme) fil-15 ta' Diċembru 2016. Din iċ-ċertifikazzjoni, maħluqa permezz ta' regolament Ewropew u mogħti lill-organizzazzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti stretti marbuta mal-politika ambjentali tagħhom kif ukoll l-isforzi tagħhom favur il-preżervazzjoni tal-ambjent u tal-iżvilupp sostenibbli, hija b'dan il-mod rikonoxximent qawwi tar-riżultati ambjentali milħuqa mill-Qorti tal-Ġustizzja, u l-impenn ekoloġiku tagħha.

Fl-aħħar nett, il-ġestjoni tal-infrastrutturi kellha tadatta ruħha għall-kuntest ta' sigurtà ġdid li hemm fl-Istati Membri kollha, sabiex tiżgura lill-membri, lill-persunal u lill-iktar mill-100 000 professjonist tad-dritt, viżitaturi u fornituri ta' servizz li għandhom aċċess kull sena fil-Qorti tal-Ġustizzja **preżenza trankwilla u dinjituża**.


2 750 m$^2$
ta' ċelluli fotovoltajċi
għal produzzjoni ta'
367 218 kWh
$CO_2$
Azzjonijiet ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju
Tnaqqis fil-konsum tal-elettriku
– 6 %
Ġbir tal-fliexken tal-plastik artab
Tħawwil ta' siġar tal-frott
Sit ta' użu kombinat ta' karozzi
Tnaqqis tal-konsum tal-ilma
– 5 %
Tnaqqis tal-iskart
– 60 %

5

ĦARSA LEJN IL-FUTUR

# IL-KWALITÀ TAL-ĠUSTIZZJA: SFIDA PERMANENTI





**Il-kwalità tal-ġustizzja hija sfida permanenti għal kull istituzzjoni ġudizzjarja u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tagħtiha importanza kbira. Matul dawn l-aħħar snin, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet numru ta' azzjonijiet sabiex tippreżerva u ssaħħaħ il-kwalità tal-ġustizzja fis-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea. Dawn l-azzjonijiet daru madwar tliet punti prinċipali:**

- ir-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea;
- ir-riformulazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura;
- il-modernizzazzjoni u l-irfinar tal-metodi ta' xogħol.

Dawn l-azzjonijiet diġà wasslu, u ser ikomplu, jagħtu l-frott tagħhom. Filwaqt li l-kawżi li jitressqu quddiem iż-żewġt iqrati tal-Unjoni qed jiżdiedu regolarment, it-tul tal-kawżi qed dejjem jonqos minkejja l-limitazzjonijiet inevitabbli marbuta mal-multilingwiżmu integrali, uniku fid-dinja, li huwa karatteristika tal-kawżi quddiem dawn il-qrati.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li tintensifika r-riflessjonijiet tagħha fuq wieħed mill-karatteristiċi prinċipali tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea: in-netwerk tal-ġustizzja. Għexieren ta' snin qabel ma l-internet żviluppa u sar realtà, il-ġustizzja Ewropea kienet diġà taħdem f'netwerk permezz tal-proċedura preliminari. Konvinta li t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-Unjoni Ewropea tista' ttejjeb il-kwalità tal-ġustizzja favur iċ-ċittadini, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea trid tieħu numru ta' inizjattivi f'dan is-sens. L-ewwel waħda minn dawn l-inizjattivi hija dik li tistieden il-presidenti tal-qrati supremi u kostituzzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għal Forum ta' djalogu fuq il-"ġustizzja online" li ser tinżamm fil-Lussemburgu fl-2017, fl-okkażjoni tas-sittin anniversarju tat-Trattati ta' Ruma.

# 6

# SEGWI L-ATTWALITÀ
# TAL-ISTITUZZJONI



## Idħol fil-portal ta' tiftix tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali permezz tas-sit Curia:

**curia.europa.eu**

### Segwi l-attwalità tas-sentenzi u dik istituzzjonali:

- billi tikkonsulta l-istqarrijiet għall-istampa, fl-indirizz: **curia.europa.eu/jcms/PressRelease**
- billi tabbona fir-RSS tal-Qorti tal-Ġustizzja: **curia.europa.eu/jcms/RSS**
- billi ssegwi l-kont Twitter tal-istituzzjoni: **@courUEpresse** jew **@EUCourtPress**
- billi tniżżel l-App CVRIA għal telefoni u Ipads

### Sabiex issir taf iktar fuq l-attività tal-istituzzjoni:

- ikkonsulta l-paġna dwar ir-**rapport annwali 2016** : **curia.europa.eu/jcms/AnnualReport**
  - **Panorama tas-sena**
  - **Rapport fuq l-attività ġudizzjarja**
  - **Rapport ta' ġestjoni**

### Idħol fid-dokumenti tal-istituzzjoni:

- l-**arkivji storiċi** : **curia.europa.eu/jcms/archive**
- id-**dokumenti amministrattivi**: **curia.europa.eu/jcms/documents**

### Żur is-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea:

L-istituzzjoni toffri lil dawk interessati programmi ta' żjarat apposta għal kull grupp (attendenza f'seduta, żjara ggwidata tal-bini jew tal-opri tal-arti, żjara ta' studju):

**curia.europa.eu/jcms/visits**

### Għal kull informazzjoni dwar l-istituzzjoni:

- Iktbilna permezz tal-**formula ta' kuntatt: curia.europa.eu/jcms/contact**

QD-AQ-17-001-MT-N

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

DIRETTORAT GĦALL-KOMUNIKAZZJONI
DIVIŻJONI TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET U
TAL-MEZZI ELETTRONIĊI
MARZU 2017

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-829-2256-9
ISSN 2467-169X
doi:10.2862/43529